MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 803/2010

**Lawrence Borg f'ismu u ghan-nom ta' Cerviola Hotel ID 464049M**

**vs**

**Joseph Spiteri ID 564555M**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur proprio et nomine fl-10 ta' Awissu, 2010, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Jiena qieghed naghmel din id-dikjarazzjoni bil-gurament ghaliex naf il-fatti personalment.

2. Jiena nigestixxi l-lukanda Cerviola Hotel u gie l-konvenut Joseph Spiteri ma’ certu Mario Schembri u Joseph Spiteri riedni naghmel commitment fuq kiri ta’ kmamar fil-lukanda, akkomodazzjoni ghan-nies u dana ta’ wiehed u tletin persuna ghal sena bil-prezz ta’ €30.50 kull persuna kuljum.

3. Illi bejnietna ghamilna skrittura fejn Joseph Spiteri iffirma li qed jidher ghall-kumpaniji illi meta gew ikkonstatati mal-MFSA instab illi ma jezistux u anke n-numru tal-karta tal-identita` tieghu tah bi zball zghir.

4. Illi l-istess Joseph Spiteri tani cekk ta’ hamest elef ewro (€5000) bhala hlas akkont u kellu jaghti l-bilanc sa’ erbghin elf ewro (€40,000) sas-16 ta’ Lulju, 2010.

5. Ic-cekk fil-fatt ma ssarrafx u meta qabez is-16 ta’ Lulju jiena ghamilt il-mandat ta’ sekwestru. Il-mandat ta’ sekwestru ghandu n-numru 1162/10.

6. Illi ghalhekk Joseph Spiteri personalment ghandu jaghtini l-ammont ta’ erbghin elf ewro (€40,000) ghar-ragunijiet premessi u kif kien intrabat illi jaghmel. Dana wkoll b’riserva ghall-ammonti l-ohra li jkunu dovuti ghaliex il-commitment tieghu kien ghal sena.

**Kawzali**

1. Peress illi l-konvenut intrabat ma’ l-attur nomine illi jiehu akkomodazzjoni fil-lukanda Cerviola Hotel, Triq il-Qaliet, Marsascala, ghal wiehed u tletin persuna ghal sena shiha bil-prezz ta’ €30.50 kuljum.

2. Peress illi l-konvenut ipprezenta ruhu li qed jidher ghall-kumpaniji, fil-fatt dawn ma jirrizultawx illi huma registrati mal-MFSA u ghalhekk intrabat personalment.

3. Peress illi l-istess Joseph Spiteri hallas bhala cekk l-ammont ta’ hamest elef ewro (€5,000) mal-firma tal-ftehim u kellu jhallas il-bilanc ta’ hamsa u tletin elf ewro

(€35,000) sas-16 ta' Lulju, 2010 meta fil-fatt ic-cekk ma ssarrafx u l-bilanc ma thallasx u ghalhekk huma dovuti l-ammont ta' erbghin elf ewro (€40,000).

Talbiet

Talab lill-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' erbghin elf ewro (€40,000) minnu dovuti u dana bhala commitment tal-akkomodazzjoni fil-lukanda Cerviola Hotel, Triq il-Qaliet, Marsascala;

Bl-interessi mis-17 ta' Lulju, 2010 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru 1162/2010 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tax-xhieda tal-attur proprio et nomine;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezenta risposta guramentata u b'hekk baqa kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-attur Lawrence Borg, fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2010, jikkonferma bil-gurament illi sa dakinhar baqa ma thallas xejn minghand il-konvenut;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ippruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa it-talba attrici, kif dedotta fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur proprio et nomine s-somma ta' erbghin elf ewro (€40,000) minnu dovuti u dana bhala commitment tal-akkomodazzjoni fil-lukanda Cerviola Hotel, Triq il-Qaliet, Marsascala; dovuta kif inghad; bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------